MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tat-12 ta' Settembru, 2003

Numru 48/2003

**Illum, 12 ta’ Settembru, 2003**

**App Nru 48/03**
**[App Nru 49/03]**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Mario Gatt**
**Ronnie Gatt**
**Raymond Gatt**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Mario Gatt, Ronnie Gatt u Raymond Gatt talli nhar it-3 ta’ Awissu 1998 ghall-habta tas-7.30pm waqt li kienu Ras il-Qala, limiti tal-Qala:

(1) ingumbraw triq bil-vetturi CBD558 u EBB549;

(2) naqsu li jobdu l-ordnijiet tal-pulizija li kienu nkarigatl minn servizz pubbliku, jew ma hallewhomx jew fixkluhom waqt li kienu jaghmlu d-dmirijiet taghhom;

(3) u aktar talli Mario Gatt qal kliem fahxi li jikkonsisti f'dagha fil-pubbliku;

(4) u, it-tileta li huma, talli bla hsieb li jisirqu jew li jaghmlu hsara kontra l-ligi, izda biss biex jezercitaw jedd li jippretendu li ghandhom, ingumraw l-passagg liberu bil-vetturi hawn fuq imsemmija;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tas-26 ta' Frar 2003 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lil imsemmija Mario Gatt, Ronnie Gatt u Raymond Gatt mhux hatja skond l-ewwel, it-tieni u r-raba' imputazzjonijiet u minnhom illiberathom, izda sabet lil Mario Gatt hati skond it-tielet imputazzjoni u kkundannatu ammenda ta' hmistax-il lira (Lm15);

Rat ir-rikors ta' appell ta' Joseph Grima u tal-Perit Lino Bianco, minnhom prezentat fl-14 ta' Marzu 2003, li permezz tieghu talbu r-riforma tal-imsemmija sentenza; rat ukoll ir-rkors ta' appell tal-Avukat Generali tal-24 ta' Marzu 2003, li permezz tieghu l-imsemmi Avukat Generali wkoll talab ir-riforma tal-imsemmija senteza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

Fl-udjenza tat-18 ta' Lulju, 2003 l-appellanti Joseph Grima u l-Perit Lino Bianco, permezz tad-difensur taghhom l-Avukat Dott. Michael Grech, ipprezentaw nota li permezz taghha cedew l-appell taghhom (App. nru. 49/2003). F'dik l-istess udjenza, ghalhekk, din il-Qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-appell taghhom. Konsegwentement l-uniku rikors ta' appell li ghad fadal x'jigi ezaminat huwa dak ta' l-Avukat Generali (App. nru. 48/2003).

L-Avukat Generali qed jappella ghax jikkontendi li l-ewwel qorti ghamlet "enuncjazzjoni u interpretazzjoni erronea tal-

ipotesi tal-ligi", liema *error juris* jaghti dritt ta' appell lill-imsemmi Avukat Generali a bazi ta' l-interpretazzjoni li din il-Qorti dejjem tat tal-Artikolu 413(1)(b)(iv)(*i*) tal-Kodici Kriminali. Ghalkemm dan il-kaz jipprezenta fattispeci inkwjetatanti hafna – si tratta, bazikament, ta' tlieta minn nies (l-appellati) li ddecidew li ghal zmien ta' bejn ghoxrin minuta u siegha w nofs jarrestaw illegalment zewg ufficjali tad-Dipartiment tal-Muzewijiet, zewg Periti, u Surgent tal-Pulizija billi ma jhalluhomx jirritornaw lura mit-trejqa li minnha dawn il-hamsa minn nies kienu nizlu bil-vetturi taghhom fuq xi rdum biex jaghmlu spezzjoni mehtiega ghall-finijiet ta' applikazzjoni lill-Awtorita` ta' l-Ippjanar[1] – forsi aktar inkwjetanti huwa l-mod lakoniku u legger li bih tqieghed quddiem din il-Qorti l-aggravju mill-appellant Avukat Generali: paragrafu minghajr l-ickem tentattiv sabiex wiehed jipprova jargumenta b'mod serju biex il-kaz jigi nkwadrat sew taht l-Artikolu 413(1)(b)(iv)(*i*) imsemmi. Infatti dana l-paragrafu jghid biss hekk:

***Illi l-aggravju hu car u manifest u jikkonsisti filli l-ewwel Qorti ghamlet enuncjazzjoni zbaljata tal-ipotesi tal-ligi tar-"ragion fattasi", u cioe` tar-raba' akkuza meta qalet li kellha tillibera peress li "l-imputati kellhom l-intenzjoni li qeghdin jimblukkaw [2] it-triq privata taghhom". Illi hadd ma jista jiehu l-ligi b'idejh kif sar f'dan il-kaz u din hija l-interpretazzjoni tal-Qrati (Vide Il-Pulizija vs Antoine Cremona App Krim 22/4/61, Pulizija vs Francis Bonnici 29/7/76, Pulizija vs Charles Farrugia 17/2/95, Pulizija vs Salvatore Farrugia 14/12/97). Illi a bazi ta' tali interpretazzjoni erronea il-Qorti lliberat ukoll fuq l-ewwel u t-tieni akkuza, haga li ma setghetx taghmel u ghalhekk l-appellati kellhom jinstabu hatja fuq l-akkuzi kollha, kieku l-Qorti interpretat sew il-ligi.***

Issa, dak li effettivament qalet l-ewwel qorti bhala motivazzjoni ghall-konkluzzjonijiet taghha kien is-segwenti:

---

[1] Ghal xi raguni li tafha biss il-Pulizija Ezekuttiva, l-appellati qatt ma gew akkuzati, kif facilment setghu jigu akkuzati fuq il-fatti tal-kaz, bir-reat kontemplat fl-Artikolu 86 tal-Kodici Kriminali.
[2] Recte: jingumbraw.

***Il-Qorti ezaminat il-provi kollha mressqa fl-isfond ta' din id-decizjoni [3]u jirrizulta li l-awtoritajiet iridu icahhdu lill-imputati minn dritt li huma dejjem emmnu li kellhom minn mindu akkwistaw l-art mertu ta' l-akkuza;***

***Il-Qorti hi tal-fehma ghalhekk illi r-raba' akkuza mhix pruvata u ma ssibx lill-imputati hatja kwantu din ir-raba akkuza u tilliberahom minnha;***

***Dwar l-ewwel u t-tieni akkuzi, isegwi mill-konsiderazzjonijiet fuq ir-raba' akkuza illi fil-hin ta' l-incident l-imputati kellhom l-intenzjoni li qeghdin jingumbraw it-triq privata taghhom, ghalhekk ma ssibhomx hatja u tilliberahom;***

***Issib lil Mario Gatt hati izda tat-tielet akkuza…***

Huwa evidenti ghalhekk li l-konsiderazzjoni dwar l-intenzjoni ta' l-appellati li "[kienu] qieghdin jingumbraw it-triq privata taghhom" ma kellha x'taqsam xejn proprjament ma l-esposizzjoni tal-ligi ghal dak li jirrigwarda l-elementi tar-reat ta' *ragion fattasi* (Art. 85, Kap. 9). Kif jirrizulta anke minn paragrafu iehor tas-sentenza appellata[4] dak li jidher li kien f'mohh l-ewwel qorti kienet il-kwistjoni ta' min effettivament kien qed ifixkel lil min fil-godiment ta' hwejjgu: l-appellati (allura imputati) kienu qed ifixklu lill-pubbliku (iz-zewg ufficjali tal-Muzewijiet, zewg Periti u Surgent tal-Pulizija), jew kienu dawn il-hamsa li kienu qed ifixklu lill-appellati fil-pacifiku pussess ta' hwejjighom? Din kienet il-kwistjoni li kellha verament quddiemha l-ewwel qorti u, anke jekk ma esprimitx ruhha bl-ahjar mod, din il-Qorti hi tal-fehma li l-ewwel qorti lliberat mir-raba' imputazzjoni in virtu` tal-massima *vim vi repellere licet*. Kif

---

[3] Id-decizjoni li hawn qed issir referenza ghaliha hija d-decizjoni ta' din il-Qorti tas-17 ta' Frar, 1995 fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Carmel maghruf bhala Charles Farrugia", li fiha gew elenkati l-erba' elementi kostituttivi tar-reat ta' *ragion fattasi*.

[4] "Illi dawn l-akkuzi kienu addebitati kontra l-imputati wara incident li sehh f'Ras il-Qala, limiti tal-Qala, f'passagg li l-imputati jghidu li jappartjeni lilhom meta l-parti l-ohra tghid li l-istess passagg huwa pubbliku u sahansitra tifforma parti mit-triq tal-Qala li allura ghandu access liberu ghalih il-pubbliku".

jghallem Giulio Crivellari [5]: *"La massima* vim vi repellere licet*, come l'altra* qui continuat non attentat*…escludono l'esercizio arbitrario. Egli e` percio` che se per togliere il mio diritto di passaggio si erigera` una siepe, in quello stesso momento avro` diritto di abbatterla, allora respingero` un arbitrio, ma non commettero` mai un atto arbitrario"* [6]. Ghalhekk din il-Qorti ma tara ebda enuncjazzjoni hazina jew inkompleta ta' l-ipotesi tal-ligi in tema ta' *ragion fattasi* f'dak li qalet l-ewwel qorti fis-sentenza taghha.

L-istess jista' jinghad fir-rigward ta' l-ewwel imputazzjoni. Biex jissussisti r-reat ipotizzat f'din l-imputazzjoni jrid jirrizulta li t-triq kienet wahda pubblika u mhux wahda privata. Pero` anke jekk kienet wahda pubblika izda l-agent genwinament u ragjonevolment jemmen li kienet triq privata li tappartjeni lilu, l-izball ta' fatt (ibbazat fuq zball tad-dritt civili, u mhux fuq zball tad-dritt penali) jeskludi r-responsabbilta` penali. Ghalhekk anke hawnhekk din il-Qorti ma tista' tirriskontra ebda enuncjazzjoni zbaljata jew inkompleta tal-ipotesi tal-ligi kif qed jippretendi l-appellant Avukat Generali.

Ghal dak li jirrigwarda t-tieni imputazzjoni, pero`, l-Avukat Generali ghandu ragun. Kienet x'kienet l-intenzjoni tal-agent dwar il-proprjeta` jew id-dritt ta' passagg, huwa kellu dejjem jobdi l-ordni legittimu tal-awtorita` kompetenti – f'dan il-kaz tas-Surgent 323 Francis Debono; skond gurisprudenza pacifika, tali ordni jkun legittimu jekk ikun *prima facie* regolari fil-forma u fil-kontenut tieghu. Il-kwistjoni ta' l-intenzjoni li "jingumbraw it-triq privata taghhom" kienet assolutament irrelevanti ghall-finijiet ta' dan ir-reat. Issa, skond is-Surgent Debono (ara d-deposizzjoni tat-18 ta' Lulju, 2003) huwa ripetutament ta' ordni lil Mario Gatt (mhux liz-zewg appellati l-ohra) sabiex inehhu l-vetturi li bihom kienu qed jostakolaw lill-hamsa min-nies l-ohra (inkluz l-istess Surgent Debono) milli johorgu bil-vetturi taghhom, izda dan baqa jirrifjuta.

[5] ***Il Codice Penale per il Regno d'Italia interpretato sulla scorta ecc.*** UTET, 1895.
[6] *op. cit.* ***Vol. VI*** pagna 751 (para. 303).

Ghall-motivi premessi din il-Qorti tiddisponi mill-appell interpost mill-Avukat Generali billi tirriforma s-sentenza appellata bil-mod segwenti, u cioe` billi thassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn illiberat lil Mario Gatt mit-tieni imputazzjoni u minflok issib lill-imsemmi Mario Gatt hati skond din it-tieni imputazzjoni u, wara li rat l-Artikolu 338(ee) tal-Kap. 9, tikkundannah ammenda ta' hamsa w ghoxrin lira (Lm25), konvertibbli f'hamest ijiem detenzjoni f'kaz ta' nuqqas ta' pagament skond il-ligi; u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija taghha.

(ft.) V. DeGaetano
Prim'Imhallef

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

Ghar-Registratur

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------